MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Numru. 169/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Thomas Camilleri**

**Illum 15 ta' Frar 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Thomas Camilleri** ta’ 23 sena, iben Joseph u Emanuela *nee*’ Montebello, imwieled Pieta nhar fil-15 ta’ Dicembru 1988 , detentur tal-karta tal-identita numru 570788(M) u residenti gewwa 313, Flat 2, Upper St. Albert Street, Gzira u **Christopher Schembri** ta’ 29 sena, iben Anthony u Jacqueline *nee*’ Spiteri, imwieled Pieta fit-3 ta’ Lulju 1982, u residenti gewwa 201, St. Helen Street, Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 362782(M) **u nakkuza lil Thomas Camilleri wahdu**;

Talli fl-14 ta’ Frar 2012, u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifika xi biljetti tal-flus u/jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta’ valuta’ EURO, meta kien jaf li kienu falsifikati;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta’ valuta’ EURO falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew tga' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94), imma anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Canifor Hotel, Coral Hotel, Rihana's Confectionery, Emanuel's Bakery, Dubliners, Dr Juice Shop, Ace Nails & Beauty, Millenium Salon, Just Joe, All for You, Hot Ice, Timmaz Stationery, Timmy's Self Service, One Stop Shop, Sweet Temptations, Specs Optics, Body Treat, Jeffrey Romano, Carmelo Zarb u Steve Bugeja;

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ikkometta serq ta' wallet, flus, bank card u oggetti ohra, liema serq sar ghad-dannu ta' Dzanela Cengic, u huwa ikkwalifikat bil-valur (aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94), imma anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, akkwista, kellu fil-pussess tieghu, jew zamm arma regolari u munizzjon imsemmija fl-iskeda I tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

**U nakkuza lil Christopher Schembri wahdu** talli fl-14 ta' Frar 2012, u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, sar komplici, hekk kif ikkontemplat f' Artikolu 42 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f' delitti li fihom Thomas Camilleri

6. mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta'valuta' EURO, meta kien jaf li kienu falsifikati;

7. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Canifor Hotel, Coral Hotel, Rihana's Confectionery, Emanuel's Bakery, Dubliners, Dr Juice Shop, Ace Nails & Beauty, Millenium Salon, Just Joe, All for You, Hot Ice, Timmaz Stationery, Timmy's Self Service, One Stop Shop, Sweet Temptations, Specs Optics, Body Treat, Jeffrey Romano, Carmelo Zarb u Steve Bugeja;

8. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, akkwista, kellu fil-pussess tieghu jew

zamm arma regolari u munizzjon imsemmija fl-iskeda I tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U b’ hekk, l-imputat **Thomas Camilleri** sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U b’ hekk, l-imputat **Christopher Schembri** sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-akkuzat **Thomas Camilleri;**

Il-Qorti rat illi **Christopher Schembri** ma ammettiex l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk, fuq talba tal-Prosekuzzjoni ordnat illi l-proceduri kontra **Christopher Schembri** jinstemghu quddiem Qorti ohra filwaqt illi l-proceduri kontra **Thomas Camilleri** jitkomplew u jigu decizi minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena;

Rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261, 267, 308, 309, 310 tal-Kap 9 kif ukoll l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 u l-Artikolu 3 tal-Kap 480;

Rat ic-cirkostanzi ta’ l-akkuzat specjalment il-fatt li huwa ghandu problema serja tad-drogi u li ghandu bzonn jattendi ghall-kura necessarja;

Il-Qorti invista ta’ l-ammissjoni u tal-fatti lilha esposti ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal-piena karcerarja ta’ tlett (3) snin u nofs ossija tnejn u erbghin (42) xahar.

Il-Qorti tordna wkoll li invista tal-problema serja tad-drogi li jidher li ghandu l-akkuzat, tordna lid-Direttur Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-akkuzat tul tali perjodu hu jattendi ghall-programm ta’ rijabilitazzjoni kif ukoll programmi ohra intizi sabiex johrog mill-vizzju tad-droga.

Ghal-dan il-ghan il-Qorti qeghda tobbliga lill-istess Direttur Facilita Korretiva ta’ Kordin sabiex jaghmel minn kollox biex l-akkuzat jibda’ tali programm u sakemm huwa jibda jattendi tali programm jinzamm fis-sezzjoni tal-forensika tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------